KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 15

**It-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 15.1 Qari tal-Apoloġiji

15.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 13 u 14

15.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

15.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 13 u seduta numru 14 ġew approvati. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 15.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

15.3.1 Is-Sindku informa li dwar kien għadda t-talba għal bankina u parkeġġi ġodda fi Triq ir-Reġimenti Maltin lil IM u dawn infurmawh li se jsiru lejn l-aħħar ta' Ġunju. Huwa informa li kienu kkonfermawlu wkoll li lesti jwaddbu scarifying material fil-parkeġġ tal-pjazza sabiex jagħmluh aktar aċċessibbli.

15.3.2 Hawnhekk wasal il-Viċi Sindku. Il-ħin kien is-5:50pm.

15.3.3 Is-Sindku informa li kien bagħat talba lill-Onor. Ministru Michael Falzon dwar il-fatt li numru ta' residenzi fi Triq Gregorio Carafa għadhom bla sistema tad-drenaġġ. Kien hemm qbil li s-SE għandha ddaħħal talba uffiċjali sabiex dawn ir-residenzi jingħaqdu mal-mejn tad-drenaġġ.

15.3.4 Is-Sindku informa li kien iltaqa' ma' numru ta' residenti dwar il-proposta ta' żvilupp fi Pjazza Palma. Huwa qal li l-applikazzjoni kienet ġiet miċħuda imma l-iżviluppatur kien reġa' applika. Ir-residenti talbu li titnaddaf iż-żona fejn il-cart ruts imma s-Sindku infurmahom li dawn jinsabu fi proprjetà privata u għaldaqstant il-Kunsill ma kellux dritta li jaċċessahom. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikteb lill-Awtorità tal-Ippjanar biex isir it-tindif mis-sid u tintbagħat ukoll korrispondenza lil Heritage Malta sabiex madwar il-parti l-qadima tal-cart ruts isir xi lqugħ biex jiġu preservati. Huwa qal li l-cart ruts għandhom jingħataw livell ta' protezzjoni bħal cart ruts oħrajn f'lokalitajiet madwar Malta. Huwa ssuġġerixxa wkoll li għandha tintbagħat korrispondenza lir-residenti tal-madwar biex ikunu jafu x'sar.

15.3.5 Is-Sindku li hu u s-SE kienu ltaqgħu mal-*engineer* fir-rigward tad-dwal ta' bejn il-*barracks,* u dan kien għadda xi *samples* ta' arbli moderni u kien se jieħu ħsieb li jaħdem fuq BOQ għaż-żona u triq triq biex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar li jieħdu deċiżjoni infurmata. Il-Kunsill qabel. Kien hemm qbil ukoll li s-SE għandha tibda konsultazzjoni mal-periti sabiex isir *master plan* għal bejn il-*barracks*.

## 15.4 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/005/2019 (*Finishes at Visitors Centre*)

15.4.1 Is-SE iċċirkolat kopja tar-rapport tal-evalwazzjoni dwar din l-offerta u l-Kunsill approva l-irħas offerta.

15.4.2 Il-Kunsill approva r-rapport tal-evalwazzjoni.

## 15.5 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/006/2019 (*M&E's at Visitors Centres*)

15.5.1 Is-SE iċċirkolat kopja tar-rapport tal-evalwazzjoni dwar din l-offerta u l-Kunsill approva t-tieni offerta, skont kif irrakkomandat fuq l-istess rapport. Dan wara li l-irħas offerta ma kinitx *compliant*.

15.5.2 Il-Kunsill approva r-rapport tal-evalwazzjoni.

## 15.6 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/008/2019 (*Supply of luminaires and light fittings at Visitors Centre*)

15.6.1 Is-SE iċċirkolat kopja tar-rapport tal-evalwazzjoni dwar din l-offerta fejn kien hemm biss offerent wieħed. Dan l-offerent intalab aktar informazzjoni fl-istadju tal-evalwazzjoni u ġie kkonfermat li huwa *compliant*.

15.6.2 Il-Kunsill approva r-rapport tal-evalwazzjoni.

## 15.7 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/001/2020 – *Luminaires for Ġnien is-Sinjura*

15.7.1 Is-SE iċċirkolat kopja tar-rapport tal-evalwazzjoni dwar din l-offerta fejn minn 4 offerenti, kien hemm offerent wieħed biss li kien *compliant*.

15.7.2 Il-Kunsill approva r-rapport tal-evalwazzjoni.

## 15.8 *Slow Street Projects*

15.8.1 Hawnhekk is-SE infufrmat li kienet għaddiet *email* lill-Kunsill dwar il-*pedestrianisation* ta' toroq. Is-Sindku ta aktar dettalji wkoll wara li kien attenda laqgħa dwar dan il-proġett. Kien hemm qbil li ladarba r-Reġjun kien qed joffri s-servizz tal-perit urban minn offerta li se jippubblika, il-Kunsill għandu l-ewwel jara l-possibbiltà li jingħaqad mas-servizz tar-reġjun minflok ma' tal-AKL.

## 15.9 Approvazzjoni tar-risposta għall-*management letter*

15.9.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tal-*management letter* kif ukoll ir-risposta li kienet lestiet flimkien mal-*accountant* tal-Kunsill.

15.9.2 Il-Kunsill approva r-risposta u din ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 15.10 Rapporti dwar Ħidma mill-Kunsilliera (Ġunju – Diċembru 2019)

15.10.1 Is-SE fakkret li kull Kunsillier suppost kien qed jgħaddi rapport dwar ir-responsabbiltajiet tiegħu fl-aħħar tas-sena sabiex jiġu inklużi mar-rapport amministrattiv.

15.10.2 Hija infurmat li wara li fakkret lill-Kunsilliera il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Sammut Dimech kienu għaddew kopja tiegħu permezz tal-*email* fejn ġew iċċirkulati mal-kumplament tal-Kunsilliera. Dawn ġew approvati u se jiġu mgħoddija lid-DLG.

15.10.3 Is-Sindku u l-Kunsillier Fenech infurmaw li kienu se jgħadduh mill-aktar fis possibbli u l-Kunsillier Mifsud ikkonfermat li kienet se tgħaddih ukoll.

## 15.11 Direttiva 3/2020 – Revoka ta' Direttiva 2/2020 (Kwestjonarju)

15.11.1 Hawnhekk is-SE infurmat li kienet għaddiet *email* lill-Kunsill bid-direttiva t'hawn fuq. Hawnhekk il-Kunsill iddiskuta x'se jwieġeb fil-kwestjonarju (kopja mehmuża).

## 15.12 Attivitajiet

15.12.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li tittella' attività fis-sajf u kien hemm qbil li terġa' ssir majjalata. Kienet se ssir laqgħa ta' koordinament eżatt wara l-laqgħa tal-Kunsill biex jiġu ffinalizzati d-dettalji.

15.12.2 Fir-rigward tal-attività għall-anzjani kien hemm qbil li deċiżjoni dwarhom tittieħed aktar 'il quddiem u għandha tiddependi mil-linji gwida tal-awtoritajiet tas-saħħa.

15.12.3 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien rebaħ fondi mill-UE dwar proġett bl-isem Ethno Vibes, proġett li huwa marbut ma' attivitajiet. Huwa ssuġġerixxa li minflok tiġi organizzata Military Mtarfa, din is-sena jkun hemm attività fuq stil differenti bl-isem ta' Mtarfa Green Festival fejn il-Kunsill ikun jista' juri aktar il-potenzjal tiegħu f'dak li jirrigwardja l-ambjent.

15.12.4 Is-SE kienet se tivverifika jekk dan il-proġett kienx marbut bilfors mal-attività ta' Military Mtarfa.

15.12.5 Fir-rigward tal-attivitajiet tal-Milied kien hemm qbil li l-ikla tal-komunità tinżamm nhar il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru.

15.12.6 Is-SE talbet l-għajnuna tas-Sindku sabiex ikun hemm produzzjoni ta' 2 – 3 spots qosra bħala promozzjoni tax-xogħlijiet li għaddejjin b'relazzjoni mal-proġett tal-ERDF (it-torri u l-visitors centre).

15.12.7 Għall-mistoqsija li saritilha, is-SE infurmat li ma kinitx għad kellha risposta mill-MTA fir-rigward tal-filmat għall-Visitors Centre. Il-Kunsillier Sammut Dimech infurmat li min-naħa tagħha kienet tkellmet ukoll mal-Ministru Julia Farrugia Portelli dwar il-pjazzetta fi Triq San Oswald u għalkemm uriet interess, ma kienx għad kellha konferma jekk hux se jsir il-proġett.

## 15.13 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentanta tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

15.13.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li l-membri tar-Reġjun kien iltaqa' b'urġenza dwar il-kwistjoni tal-iskart tal-borża l-griża.

15.13.2 Hija infurmat ukoll li l-korsijiet u attivitajiet b'konnessjoni mal-proġett Y-Engage kienu se jerġgħu jinbdew.

15.13.3 Hija infurmat li fi ftit ġimgħat oħra kien se jkun hemm il-varar tal-websajt tar-Reġjun u għaldaqstant talbet lis-SE sabiex tgħaddi xi informazzjoni li kien jonqos.

15.13.4 Hija infurmat ukoll li kienet saret laqgħa fuq is-suġġett tal-integrazzjoni fejn hemm il-ħsieb li ssir attività waħda għal-lokalitajiet kollha biex jintegraw aktar lir-residenti barranin.

## 15.14 Punti Oħra

15.14.1 Hawnhekk kien hemm qbil li nissospendu l-laqgha b'mod temporanju (7:20pm). Il-laqgħa tkompiet fis-7:25pm. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lill-*Commissioner for Voluntary Organisations* dwar l-operat tal-Imtarfa Drama Group.

15.14.2 Kien hemm qbil li l-Viċi Sindku għandu jagħti data u ħin lill-entitajiet kollha sabiex ilaqqagħhom.

15.14.3 Hawnhekk il-Vċi Sinkdu fakkar lis-SE sabiex tagħmel sejħa fuq facebook għal sottokumitat għall-manutenzjoni.

15.14.4 Is-Sindku fakkar lis-SE dwar il-kuntratt tal-*contracts manager*. Hawnhekk kien hawn diskussjoni wkoll dwar nuqqasijiet tal-kuntratturi b'mod speċjali tas-*soft areas*.

15.14.5 Hawnhekk inqrat ittra li ntbagħtet mill-kalbb tal-futbol fejn talbu sabiex tittella' attività b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil li l-Viċi Sindku għandu jkellimhom u jgħaddi l-informazzjoni lill-Kunsill.

## 15.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

15.15.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 6), kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 15.16 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

15.16.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8:00pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 28 ta’ Ġunju 2020.

Konfermati, illum it-Tlieta 28 ta’ Ġunju 2020.

**IFFIRMATA**
Daniel John Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv